


# ŻMIEN L-GĦID TIBDA R-RABA' FAŻI TAL-MISSJONI DJOĊESANA: *Żmien ta' Ringrazzjament u Proposti*

Il-ħamsin jum li jiġu wara l-Għid il-Kbir, sal-Ħadd ta' Pentekoste, huma jiem ta' ferħ, huma bħal jum wieħed ta' festa. Huma jiem li matulhom titkanta l-*Allelulia*.

**It-tberik ta' kull sena tal-familji**

- It-tberik huwa okkażjoni li fiha l-kappillan iżur il-familji u jsir jaf aħjar il-familji tal-parroċċa. Isir it-tberik tal-membri tal-familja aktar milli d-djar. Tkun ħaġa sabiħa li l-membri kollha tal-familja jkunu preżenti.

**Żmien l-Għid: Żmien ta' Ringrazzjament u Proposti**

- It-tberik ikompli jwettaq il-preżenza ta' Ġesù fil-familja, mibdija mill-missjunarji fix-xahar ta' Jannar, u msaħħa bil-predikazzjoni matul ir-Randan.
- Il-kappillan jipproponi lill-familji okkażjonijiet konkreti ta' katekeżi fil-parroċċa, fejn il-membri tal-familja jistgħu jkomplu jikbru fil-mixja tal-fidi.

**Liema frott nixtiequ li jibqa' mill-Missjoni Djoċesana?**

- Aktar nies fil-parroċċi tagħna jħossu l-bżonn li jieħdu sehem attiv fl-**Ewkaristija tal-Ħadd** u fil-laqgħat tal-**formazzjoni**.
- Aktar lajċi jkunu jistgħu jgħixu l-**kariżmi** tagħhom bħala **ministeru** fil-Knisja u biex jgħinu fil-formazzjoni Nisranija tat-tfal, żgħażagħ u adulti.

*Segreterija Ċentrali tal-Missjoni Djoċesana*

***Mill-Kalendarju Djoċesan:***

*It-Tnejn 13 ta' April:* Jibda t-Tberik tal-Familji / Pellegrinaġġ tas-Sena Pawlina fuq il-Passi ta' San Pawl (immexxi minn Mons Isqof Mario Grech - sal-20 tax-xahar)

*Il-Ħadd 19 ta' April:* Festa tal-Ħniena Divina / Ir-raba' anniversarju mill-ħatra tal-Papa Benedittu XVI / L-Obolo ta' San Pietru (Ġabra fil-knejjes)

## It-Talba tal-ġimgħa

*Mulej Ġesu rebbieħ fuq il-mewt,*
*agħtina l-bniedem l-ġdid bl-Ispirtu tiegħek,*
*biex jagħmilna xhieda ta' dak il-misteru kbir.*

gozopress • 21551534




# Bullettin tal-Ħadd

*Sena Pawlina 2008 - 2009*

L-Għid il-Kbir • Sena B • L-40 Sena (2089) • 12 ta' April 2009

Kien l-ewwel jum tal-ġimgħa, fil-għodu kmieni kif kien għadu d-dlam, u Marija ta' Magdala ġiet ħdejn il-qabar u rat il-blata mneħħija mill-qabar. Għalhekk telqet tiġri għand Xmun Pietru u għand id-dixxiplu l-ieħor li kien iħobb Ġesù, u qaltilhom: "Qalgħu l-Mulej mill-qabar, u ma nafux fejn qegħduh!" Pietru u d-dixxiplu l-ieħor ħarġu u ġew ħdejn il-qabar. It-tnejn ġrew flimkien, imma d-dixxiplu l-ieħor ħaffef aktar minn Pietru u laħaq qablu ħdejn il-qabar. Tbaxxa, u ra l-faxex ta' l-għażel imqiegħda hemm, iżda ma daħalx. Mbagħad wasal warajh Xmun Pietru, daħal fil-qabar, u ra l-faxex ta' l-għażel imqiegħda hemm, u l-maktur li kien madwar rasu; dan ma kienx mal-faxex, imma mitwi u mqiegħed f'post għalih. Mbagħad id-dixxiplu l-ieħor, li kien wasal l-ewwel ħdejn il-qabar, daħal hu wkoll, ra, u emmen. Sa dak in-nhar kienu għadhom ma fehmux l-Iskrittura li tgħid li kellu jqum mill-imwiet (Gw. 20, 1-9)



*Ra u emmen*

**RIFLESSJONI**

- Tħoss li llum qed tagħmel festa-Għid ma' Kristu rebbieħ ?
- Qomt ma' Kristu mid-dlam tal-qabar tad-difetti tiegħek, biex tgħix it-tiġdid ma' Kristu rebbieħ ?
- Tħossok imqanqal biex ixxandar il-ferħ tat-tiġdid li ksibt fi Kristu ?
- Id-dawl il-ġdid ta' Kristu rebbieħ fuq il-mewt tefa' dawl fil-qalb tiegħek ?
- Qed tgħix bħala bniedem ġdid kuljum bil-qawwa ta' Kristu li kiseb bil-qawmien tiegħu ?